MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 641/2013

**GO plc (C22334)**

**Vs**

**Paula Louise King (ID 58230A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija sebgha u sittin ewro u sitta u erbghin centezmu (€767.46c), skont il-ftehim u l-prospett hawn annessi u mmarkata Dok 'A' u Dok 'B', liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' telekommunikazzjoni, u cioe dak tat-

televizjoni u internet, kont numru A/C40150495, moghtijqa mis-Socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Elenku ta' dokumenti:

Dok A – Ftehim

Dok B – Prospett

Dok C – Estratt mir-registru elettorali l-aktar ricenti

Ra mill-atti illi l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-01 ta' Dicembru, 2014 mill-Avukat Dr Keith Grech u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' seba' mija sebgha u sittin ewro u sitta u erbghin centezmu (€767.46c), u dan bl-ispejjez u bl-imghax legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------